C/2026/2287

16.4.2026

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.12237 – CARLYLE / BASF COATINGS)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2026/2287)

1. Fit-8 ta' April 2026, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— The Carlyle Group Inc. ("Carlyle", l-Istati Uniti),

— Id-diviżjoni tal-kisjiet ta' BASF ("BASF Coatings", il-Ġermanja), ikkontrollata minn BASF SE ("BASF", il-Ġermanja).

Carlyle se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' BASF Coatings kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— Carlyle hija ditta ta' investiment globali,

— BASF Coatings hija d-diviżjoni tal-kisjiet ta' BASF, attiva globalment fit-trattament tas-superfiċje, fil-kisjiet OEM tal-karozzi u l-kisjiet tal-finitura tal-karozzi.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12237 — CARLYLE / BASF COATINGS

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bl-email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").